V

(Avviżi)

PROĊEDURI DWAR L-IMPLIMENTAZZJONI TAL-POLITIKA TAL-KOMPETIZZJONI

IL-KUMMISSJONI EWROPEA

Avviż minn qabel ta' konċentrazzjoni

(Il-Każ M.10855 — Capgemini / Orange / JV)

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

(2023/C 163/10)

1. Fit-2 ta' Mejju 2023, il-Kummissjoni rċeviet avviż ta' konċentrazzjoni proposta skont l-Artikolu 4 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 ([1]).

Dan l-avviż jikkonċerna l-impriżi li ġejjin:

— Capgemini S.E. ("Capgemini", Franza), u;

— Orange S.A. ("Orange", Franza).

Capgemini u Orange se jistabbilixxu impriża bi sħab (joint venture, JV) ("Bleu", Franza) li fiha se jakkwistaw il-kontroll bi sħab fis-sens tal-Artikoli 3(1)(b) u l-Artikolu 3(4) tar-Regolament dwar l-Għaqdiet.

Il-konċentrazzjoni hija mwettqa permezz ta' xiri ta' ishma.

2. L-attivitajiet kummerċjali tal-impriżi kkonċernati huma:

— Capgemini hija attiva fl-oqsma tal-istrateġija u t-trasformazzjoni, l-applikazzjonijiet u t-teknoloġija, l-inġinerija u l-operazzjonijiet f'50 pajjiż, u tipprovdi servizzi tal-IT għall-iżvilupp, l-estensjoni, is-sigurtà u l-ġestjoni tas-sistemi tal-infrastruttura tal-IT u l-ambjenti diġitali ta' kumpaniji u organizzazzjonijiet ewlenin;

— Orange hija operatur tal-komunikazzjonijiet elettroniċi li tipprovdi firxa wiesgħa ta' servizzi prinċipalment fil-qasam tat-telefonija fissa, tal-internet u tat-telefonija mobbli kif ukoll tas-servizzi tal-IT f'għadd ta' pajjiżi madwar id-dinja.

— Bleu se tipprovdi servizzi tal-cloud sovrani konformi mal-kriterji tat-tikketta "*Cloud de Confiance*" fi Franza (jiġifieri, servizzi sovrani tal-cloud li jissodisfaw rekwiżiti speċifiċi ta' sigurtà stabbiliti mill-Aġenzija Franċiża taċ-Ċibersigurtà) lil sett speċifiku ta' klijenti.

3. Wara eżami preliminari, il-Kummissjoni tqis li t-tranżazzjoni notifikata tista' taqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament dwar l-Għaqdiet. Madankollu, id-deċiżjoni finali dwar dan il-punt hija riżervata.

4. Il-Kummissjoni tistieden lil terzi persuni interessati biex jibagħtulha l-kummenti li jista' jkollhom dwar l-operazzjoni proposta.

Il-kummenti jridu jaslu għand il-Kummissjoni mhux aktar tard minn għaxart ijiem wara d-data ta' din il-pubblikazzjoni. Jenħtieġ li r-referenza li ġejja dejjem tiġi speċifikata:

M.10855 – CAPGEMINI / ORANGE / JV

([1]) ĠU L 24, 29.1.2004, p. 1 (ir-"Regolament dwar l-Għaqdiet").

Il-kummenti jistgħu jintbagħtu lill-Kummissjoni permezz tal-email, permezz tal-faks jew permezz tal-posta. Uża d-dettalji ta' kuntatt ta' hawn taħt:

Email: COMP-MERGER-REGISTRY@ec.europa.eu

Faks +32 22964301

Indirizz postali:

European Commission
Directorate-General for Competition
Merger Registry
1049 Bruxelles/Brussel
BELGIQUE/BELGIË